*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0434/2022 }**
**B9-0435/2022 }**
**B9-0436/2022 }**
**B9-0439/2022 }**
**B9-0442/2022 }**
**B9-0455/2022 } RC1**

5.10.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0434/2022 (S&D)
B9-0435/2022 (Renew)
B9-0436/2022 (Verts/ALE)
B9-0439/2022 (The Left)
B9-0442/2022 (PPE)
B9-0455/2022 (ECR)
dwar il-mewt ta' Mahsa Jina Amini u r-repressjoni tad-dimostranti favur id-drittijiet tan-nisa fl-Iran
(2022/2849(RSP))

**David Lega, Michael Gahler, Željana Zovko, Rasa Juknevičienė, David McAllister, Antonio López-Istúriz White, Isabel Wiseler-Lima, Arba Kokalari, Javier Zarzalejos**
f'isem il-Grupp PPE
**Pedro Marques, Tonino Picula, Eva Kaili, Evin Incir, Thijs Reuten**

f'isem il-Grupp S&D
**María Soraya Rodríguez Ramos, Abir Al-Sahlani, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Olivier Chastel, Bernard Guetta, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, Dragoş Pîslaru, Samira Rafaela, Frédérique Ries, Michal Šimečka, Nicolae Ştefănuță, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans**
f'isem il-Grupp Renew
**Ernest Urtasun**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Raffaele Fitto, Anna Fotyga, Charlie Weimers, Adam Bielan, Witold Jan Waszczykowski, Dominik Tarczyński, Jadwiga Wiśniewska, Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Ryszard Czarnecki, Valdemar Tomaševski, Assita Kanko, Carlo Fidanza, Patryk Jaki, Ladislav Ilčić, Beata Mazurek, Joachim Stanisław Brudziński**
f'isem il-Grupp ECR
**Manon Aubry, Cornelia Ernst**
f'isem il-Grupp tax-Xellug
**Fabio Massimo Castaldo, Marco Campomenosi**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-mewt ta' Mahsa Jina Amini u r-repressjoni tad-dimostranti favur id-drittijiet tan-nisa fl-Iran (2022/2849(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli – f'isem l-Unjoni Ewropea – tal-25 ta' Settembru 2022, u l-istqarrija tal-kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, tad-19 ta' Settembru 2022, dwar il-mewt ta' Mahsa Amini,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tat-22 ta' Settembru 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, li fiha esiġa li tittieħed responsabbiltà għall-mewt ta' Mahsa Amini u li tintemm il-vjolenza fuq in-nisa,

– wara li kkunsidra r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tat-18 ta' Ġunju 2022, tat-13 ta' Jannar 2022 u tal-11 ta' Jannar 2021, dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tas-16 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-27 ta' Settembru 2022 tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, António Guterres,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966 (ICCPR), u -ratifika tiegħu mill-Iran f'Ġunju 1975,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni kontrihom,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-13 ta' Settembru 2022, Mahsa Jina Amini, mara Kurda-Iranjana ta' 22 sena, ġiet arrestata f'Tehran mill-pulizija "tal-moralità" tal-Iran talli allegatament naqset milli tosserva l-liġi li tobbliga x-xedd tal-velu; billi skont xhieda li raw b'għajnejhom, il-pulizija "tal-moralità" xeħtu lil Mahsa Jina Amini f'vann tal-pulizija u sawtuha waqt li kienet qed tiġi ttrasferita lejn iċ-ċentru tad-detenzjoni ta' Vozara f'Tehran, fejn ftit ħin wara daħlet f'koma u mietet fis-16 ta' Settembru 2022, fi sptar fil-qrib waqt li kienet qed tinżamm f'detenzjoni mill-pulizija; billi l-awtoritajiet Iranjani sostnew li mietet b'kawżi naturali; billi ma saritx investigazzjoni xierqa, u billi l-awtoritajiet irrifjutaw li

jipprovdu lill-familja tal-vittma r-rekords mediċi u r-rapport tal-awtopsja tagħha;

B. billi, wara l-qtil ta' Mahsa Jina Amini, faqqgħu protesti fil-pajjiż kollu f'aktar minn 120 belt fi kważi l-31 provinċja kollha tal-Iran, li fihom ħadu sehem mijiet ta' eluf ta' ċittadini Iranjani li rrappreżentaw il-faxex kollha tas-soċjetà; billi l-protesti nbdew minn nisa li esiġew li tittieħed responsabbiltà għall-mewt ta' Mahsa Jina Amini u li appellaw għat-tmiem tal-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fl-Iran, partikolarment fil-forma tax-xedd obbligatorju tal-velu; billi l-protesti tan-nisa ispiraw is-solidarjetà mill-irġiel, u dan qanqal moviment ta' riforma u ta' protesta pan-Iranjan; billi l-istudenti qed jipprotestaw f'diversi universitajiet madwar il-pajjiż, b'mod partikolari fl-università tat-Teknoloġija ta' Sharif f'Tehran, u qed jibbojkottjaw il-klassijiet tagħhom u jipprotestaw kontra r-repressjoni;

C. billi r-rispons tal-forzi tas-sigurtà u tal-pulizija Iranjani għall-protesti kien vjolenti, indiskriminat u mingħajr rażan, u wassal sabiex għadd sostanzjali ta' persuni tilfu ħajjithom u ħafna oħrajn sfaw midruba; billi n-NU kkonfermat li l-forzi Iranjani qed jużaw munizzjon attiv, ċomb tal-għasafar, gass tad-dmugħ u pellets tal-metall kontra d-dimostranti; billi, sat-2 ta' Ottubru 2022, kien irrappurtat li l-forzi tas-sigurtà Iranjani qatlu mijiet ta' dimostranti paċifiċi li kienu qed iwettqu dimostrazzjonijiet kontra l-qtil ta' Mahsa Jina Amini, u darbu u arrestaw mijiet oħrajn, fosthom difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, studenti, avukati, attivisti tas-soċjetà ċivili u aktar minn 20 ġurnalist, b'mod partikolari lil Niloofar Hamedi, il-ġurnalist li kien l-ewwel li rrapporta dwar l-arrest u l-ospitalizzazzjoni ta' Mahsa Jina Amini;

D. billi Amnesty International iddokumentat il-komplott tal-awtoritajiet biex jirreprimu l-protesti attwali billi jiskjeraw il-Korp tal-Gwardji tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), il-forza paramilitari Basij, il-Kmand tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, il-pulizija kontra l-irvellijiet, u aġenti tas-sigurtà pajżana; billi l-evidenza turi kif il-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ħarġu ordni lill-kmandanti fil-provinċji kollha fejn tawhom istruzzjonijiet biex jikkonfrontaw lid-dimostranti paċifiċi bl-użu mifrux ta' forza letali u armi tan-nar mill-forzi tas-sigurtà;

E. billi skont rapporti, bosta barranin inklużi ċittadini tal-UE ġew arrestati f'dawn l-aħħar jiem minħabba li allegatament ħadu sehem fil-protesti;

F. billi l-awtoritajiet Iranjani qed ifixklu deliberatament il-konnessjonijiet tal-internet u tal-mobile u jirrestrinġu severament il-pjattaformi tal-media soċjali biex jikkompromettu l-kapaċità taċ-ċittadini Iranjani li jaċċedu għat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni b'mod sigur u privat u li jorganizzaw assemblej paċifiċi; billi kien hemm rapporti li messaġġi SMS bil-kliem "Mahsa Amini" bil-Farsi ġew imblukkati; billi bit-tfixkil u l-iskonnettjar tal-internet f'partijiet kbar tal-Iran, ir-reġim qed jipprova jipprevjeni t-trażmissjoni u t-tixrid ta' aħbarijiet dwar il-protesti u ta' immaġni tagħhom kif ukoll li jipprevjeni lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lokali milli jiddokumentaw episodji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

G. billi l-Gvern Iranjan introduċa l-obbligu tax-xedd tal-velu fl-1983; billi l-ħiġab obbligatorju sar għodda għar-repressjoni tan-nisa u ċċaħħadhom mil-libertà u d-drittijiet

taghhom fl-Iran; billi n-nisa li jidhru fil-pubbliku minghajr velu ta' sikwit jiġu ffastidjati, miżmuma l-ħabs, ittorturati, imsawta bil-frosta u saħansitra maqtula talli jmorru kontra dawn ir-regoli ripressivi;

H. billi l-fastidju tan-nisa u l-bniet u l-vjolenza kontrihom mill-forzi tal-pulizija tal-"moralità" żdied mill-bidu tal-mandat tal-President Ebrahim Raisi fl-2021; billi l-Gvern tal-Iran insista favur leġiżlazzjoni u abbozz ta' leġiżlazzjoni li jinkoraġġixxu r-repressjoni tan-nisa; billi l-qtil ta' Mahsa Jina Amini huwa parti minn tendenza akbar ta' trażżin u treġġigħ lura tad-drittijiet tan-nisa fl-Iran li diġà huma ristretti wisq, inkluż permezz ta' liġi ġdida adottata fl-2021 li tirrestrinġi severament l-aċċess tan-nisa għad-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva, bi ksur dirett tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa fl-ambitu tad-dritt internazzjonali; billi l-introduzzjoni tal-Proġett "Ħiġab u Kastità" jkun jinvolvi l-użu ta' kameras ta' sorveljanza biex jiġu mmonitorjati u mmultati nisa li ma jilbsux il-velu;

I. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran qed tmur dejjem aktar għall-agħar; billi l-qtil ta' Mahsa Jina Amini huwa eżempju tal-kriżi attwali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, ipperpetwata mill-impunità sistemika tal-Gvern Iranjan u l-apparat tas-sigurtà tiegħu, li ppermettiet li jkun hemm tortura estensiva, kif ukoll eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji u qtil illegali ieħor; billi aktar minn 40 difensur tad-drittijiet tal-bniedem ġew arrestati mit-18 ta' Settembru 2022, u d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem ġew attakkati b'mod partikolari u b'mod vjolenti fil-kuntest ta' dawn l-arresti, attakki u raids mill-forzi Iranjani; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-persuni LGBTQI Iranjani, Zahra Sedighi Hamedani, ta' 31 sena, u Elham Chubdar, ta' 24 sena, ġew ikkundannati għall-mewt mill-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Urmia fuq akkużi ta' "korruzzjoni fid-dinja permezz tal-promozzjoni tal-omosesswalità";

J. billi l-UE adottat miżuri restrittivi relatati mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjonijiet fuq il-viża għal individwi u entitajiet responsabbli ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll projbizzjoni fuq l-esportazzjoni lejn l-Iran ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna u ta' tagħmir għas-sorveljanza tat-telekomunikazzjonijiet; billi dawn il-miżuri, li daħħlu fis-seħħ għall-ewwel darba fit-12 ta' April 2011, jiġu aġġornati regolarment u għadhom fis-seħħ;

K. billi l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) Josep Borrell, fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2022, ikkundanna l-qtil ta' Mahsa Jina Amini u l-użu eċċessiv tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani u ħabbar li l-UE se tikkunsidra l-għażliet kollha għad-dispożizzjoni tagħha qabel il-Kunsill Affarijiet Barranin li jmiss biex tindirizza l-qtil ta' Mahsa Jina Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani rrispondew għad-dimostrazzjonijiet sussegwenti;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-mewt ta' Mahsa Jina Amini wara l-arrest vjolenti, l-abbuż u t-trattament ħażin tagħha mill-pulizija tal-"moralità" tal-Iran; jestendi l-kondoljanzi tiegħu lill-familja u lill-ħbieb tagħha u lill-familji ta' dawk kollha li nqatlu matul il-protesti reċenti fl-Iran;

2. Jistieden lill-Gvern Iranjan jippermetti investigazzjoni imparzjali u effettiva minn awtorità kompetenti indipendenti tal-mewt traġika ta' Mahsa Jina Amini u tal-allegazzjonijiet ta' tortura u ta' trattament ħażin;

3. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu man-nisa Iranjani żgħażagħ li qed imexxu l-protesti u jipparteċipaw fihom minkejja d-diffikultajiet u r-riperkussjonijiet personali li qed jiffaċċjaw; jappoġġja l-moviment paċifiku ta' protesta madwar il-pajjiż kollu, li qed jipprotesta kontra l-qtil ta' Mahsa Jina Amini, l-oppressjoni sistemika u dejjem tiżdied tan-nisa, u l-ksur serju u tal-massa tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali;

4. Jappoġġja bis-saħħa l-aspirazzjonijiet tal-poplu Iranjan li jixtieq jgħix f'pajjiż liberu, stabbli, inklużiv u demokratiku li jirrispetta l-impenji nazzjonali u internazzjonali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jinsab imħasseb ħafna dwar rapporti li fit-2 ta' Ottubru 2022, il-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), il-Forzi ta' Basij, u l-pulizija assedjaw, arrestaw u sparaw fuq għadd kbir ta' studenti msakkra ġewwa l-Università tat-Teknoloġija ta' Sharif f'Tehran;

5. Jikkundanna bil-qawwa l-użu mifrux, intenzjonat u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostranti paċifiċi u jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jwaqqfu l-vjolenza kontinwa, sistematika u inaċċettabbli tagħhom kontra ċ-ċittadini tagħhom stess; jitlob b'insistenza li l-awtoritajiet Iranjani jippermettu investigazzjoni bbażata fuq l-evidenza, rapida, imparzjali u effettiva tal-qtil tad-dimostranti kollha, inkluż li dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

6. Jitlob b'insistenza li l-awtoritajiet Iranjani minnufih u mingħajr kundizzjonijiet jeħilsu lil dawk kollha li qegħdin il-ħabs sempliċement għax eżerċitaw paċifikament id-drittijiet tagħhom għal-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika b'rabta mal-protesti u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom; jisħaq li d-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda jridu dejjem jiġu rrispettati u jitlob lill-awtoritajiet Iranjani jonoraw l-obbligi internazzjonali tagħhom, inkluż fl-ambitu tal-ICCPR; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani jeħilsu minnufih liċ-ċittadini kollha tal-UE arrestati u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom; jesprimi tħassib serju dwar l-arrest ta' aktar minn 20 ġurnalist, b'mod partikolari Niloofar Hamedi, l-ewwel ġurnalista li ħarġet l-aħbar dwar l-arrest ta' Mahsa Jina Amini u dwar il-fatt li kienet iddaħħlet l-isptar, u jitlob lill-awtoritajiet Iranjani jeħilsuhom bla dewmien; jistieden lill-Iran jirrispetta l-libertà ta' espressjoni u ta' twemmin tal-persuni kollha li jgħixu fl-Iran, speċjalment in-nisa u l-bniet, li huma partikolarment repressi;

7. Jikkundanna d-diskriminazzjoni sistemika tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran kontra n-nisa u gruppi vulnerabbli oħra permezz ta' liġijiet u regolamenti li jirrestrinġu b'mod sever il-libertajiet u d-drittijiet tagħhom, inkluż il-liġi degradanti tal-ilbis obbligatorju tal-velu u l-infurzar abbużiv tagħha, ir-restrizzjonijiet severi fuq id-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva tan-nisa, u l-ksur tad-drittijiet politiċi, soċjali, ekonomiċi, kulturali u personali tan-nisa; jitlob b'insistenza li l-awtoritajiet Iranjani jħassru malajr il-liġijiet li jimponu l-ilbis obbligatorju tal-velu min-nisa u mill-bniet, jabolixxu l-pulizija tal-"moralità" u jtemmu d-diskriminazzjoni sistemika kontra n-nisa fl-oqsma

kollha tal-ħajja;

8. Jikkundanna bil-qawwa l-prattika tal-Iran li jissoprimi l-internet u n-networks mobbli fil-kuntest tal-protesti fil-pajjiż, liema prattika timpedixxi l-komunikazzjoni u l-fluss liberu tal-informazzjoni għaċ-ċittadini Iranjani; jenfasizza li tali azzjonijiet huma ksur ċar tad-dritt internazzjonali; jilqa' d-deċiżjoni tal-Istati Uniti li tippermetti lill-kumpaniji privati jagħmlu s-servizzi diġitali tagħhom disponibbli għall-poplu Iranjan fil-kuntest tal-protesti attwali;

9. Jirrifjuta kategorikament l-akkużi minn uffiċjali Iranjani u mill-media Iranjana kkontrollata mill-Istat li jippuntaw lejn ir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Ġermanja u ta' pajjiżi Ewropej oħra biex jgħadduhom bħala l-instigaturi tal-protesti;

10. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu għad-deterjorament kostanti tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, inkluż u speċjalment għall-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi u reliġjużi, inklużi l-Kurdi, il-Baluchis, l-Għarab u minoranzi reliġjużi li mhumiex Xiiti u li mhumiex Musulmani, inklużi l-Baha'i u l-Insara; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-minoranzi etniċi u reliġjużi; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jeliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni;

11. Iħeġġeġ lill-Gvern Iranjan jeħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem li ntbagħtu l-ħabs talli eżerċitaw paċifikament id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni u ta' twemmin; jistieden lill-Qorti Suprema Iranjana tirrevoka s-sentenzi mogħtija kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTI Zahra Sedighi-Hamadani u Elham Choubdar, abbażi ta' ksur tad-dritt għal proċessi ġust; jitlob lill-Gvern Iranjan itemm l-attakki tiegħu fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u jiggarantixxi li f'kull ċirkustanza jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet leġittimi tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' rappreżalja u ħielsa minn kull restrizzjoni, inkluż mill-vessazzjoni ġudizzjarja;

12. Jiddeplora l-użu sistematiku tat-tortura fil-ħabsijiet Iranjani u jappella għall-waqfien immedjat ta' kull forma ta' tortura u trattament ħażin tad-detenuti kollha; jikkundanna l-prattika li ċċaħħad lid-detenuti l-aċċess għat-telefonati u għal żjarat ta' membri tal-familja; jesprimi tħassib serju dwar l-inabbiltà tad-detenuti li jkollhom aċċess għal rappreżentanza legali matul l-interrogazzjonijiet; jistieden lill-Gvern Iranjan jittratta lill-priġunieri bir-rispett dovut għad-dinjità u l-valur inerenti tagħhom bħala bnedmin;

13. Jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' progress li sar fil-każijiet ta' persuni b'ċittadinanza doppja tal-UE u tal-Iran li ġew detenuti fl-Iran, inkluż Ahmadreza Djalali, li ġie kkundannat għall-mewt fuq akkużi foloz ta' spjunaġġ;

14. Jikkundanna bil-qawwa l-użu dejjem akbar tal-piena tal-mewt mill-awtoritajiet Iranjani f'dawn l-aħħar snin u jiddeplora l-eskalazzjoni allarmanti fl-użu tal-piena tal-mewt kontra dimostranti, dissidenti u membri ta' gruppi ta' minoranza; itenni l-appell tiegħu lill-Gvern tal-Iran biex jintroduċi moratorju immedjat fuq l-użu tal-piena tal-mewt bħala pass lejn l-abolizzjoni tagħha, u biex jikkommuta l-pieni tal-mewt kollha;

15. Jitlob lill-awtoritajiet Iranjani jippermettu żjarat tal-Proċeduri Speċjali kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u b'mod partikolari jiżguraw li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran jitħalla jidħol fil-pajjiż;

16. Jistieden lin-NU, b'mod partikolari lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tiegħu, biex mingħajr dewmien iniedu investigazzjoni komprensiva dwar l-eventi li seħħew f'dawn l-aħħar ġimgħat, immexxija mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran; jitlob lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jistabbilixxi mekkaniżmu internazzjonali ta' investigazzjoni u ta' akkontabbiltà għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Gvern Iranjan;

17. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jużaw l-impenji kollha mal-awtoritajiet Iranjani biex jitolbu b'insistenza t-tmiem immedjat tar-repressjoni vjolenti kontra l-protesti u l-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet ta' dawk kollha arrestati talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika, jappella għal investigazzjoni indipendenti dwar l-imwiet ta' Mahsa Jina Amini u ta' tużżani ta' dimostranti, iħeġġeġ li jiġi stabbilit mill-ġdid l-aċċess għall-internet u għall-kanali tal-komunikazzjoni u jinkoraġġixxi l-abolizzjoni tal-ilbis obbligatorju tal-velu għan-nisa; jistieden lill-Istati Membri jaħżnu, jippreservaw u jikkondividu l-evidenza disponibbli, f'konformità mar-regoli l-ġodda tal-Eurojust, li tista' tikkontribwixxi għall-investigazzjonijiet, inklużi l-kooperazzjoni mal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-appoġġ għall-ħidma tagħha;

18. Jistieden lill-Kunsill tal-Affarijiet Barranin iżid lill-uffiċjali Iranjani, inklużi dawk kollha assoċjati mal-pulizija tal-"moralità", li jinstabu kompliċi fil-mewt ta' Mahsa Jina Amini u fil-vjolenza kontra d-dimostranti kif ukoll responsabbli għalihom, mal-lista tal-UE tal-individwi li kontrihom ikunu ġew imposti miżuri restrittivi b'rabta ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran; itenni li s-sanzjonijiet kontra t-tmexxija tal-IRGC ma għandhomx jitneħħew; jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem bħala strument importanti għall-UE biex tissanzjona lil dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem;

19. Jitlob lill-UE, inkluż lill-VP/HR, biex tkompli tqajjem tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet Iranjani f'fora bilaterali u multilaterali u tuża l-impenji kollha ppjanati mal-awtoritajiet Iranjani għal dak il-għan, b'mod partikolari fil-kuntest tad-Djalogu Politiku ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Iran; jafferma mill-ġdid li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa komponent ċentrali fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iran;

20. Jinkoraġġixxi koordinazzjoni qawwija fost l-ambaxxati tal-UE akkreditati f'Tehran; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha bi preżenza diplomatika f'Tehran biex jużaw il-mekkaniżmi previsti fil-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jappoġġjaw u jipproteġu lil dawn l-individwi, b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u ta' persuni b'ċittadinanza doppja tal-UE u tal-Iran, inkluż permezz ta' għotjiet ta' emerġenza fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, u l-Fond Ewropew

għad-Demokrazija, kif ukoll viżi ta' emerġenza, dikjarazzjonijiet pubbliċi, il-monitoraġġ tal-proċessi u ż-żjarat fil-ħabsijiet;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra, f'konformità stretta mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, li tippermetti lill-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjoni bbażati fl-UE joffru għodod, inklużi sistemi tal-vidjokonferenzi, pjattaformi tal-apprendiment elettroniku, mapep tal-web u servizzi tal-cloud, lin-nies fl-Iran, sabiex jiġi żgurat li jkollhom aċċess għall-għodod u għall-pjattaformi online li għandhom bżonn biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom;

22. Jesprimi tħassib dwar il-lobbying kontinwu tal-istituzzjonijiet Ewropej minn assoċjazzjonijiet Iżlamisti reazzjonarji, li jista' jammonta għal interferenza barranija fid-demokraziji tagħna;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Assemblea Konsultattiva Iżlamika, lill-Gvern tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, lill-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran u lill-familja ta' Mahsa Jina Amini.